# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Frar 2016**

**Numru 6**

**Citazzjoni numru 140/10 RGM**

**Simon Cusens**

**v.**

**Romina Cusens**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-attur minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fl-10 ta' Dicembru 2014, li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet billi cahdet it-talbiet attrici ghax-xoljiment taz-zwieg

ta' bejn il-partijiet, u laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, bl-ispejjez kontrih.

Profil tal-fatti

2. Il-partijiet bdew ir-relazzjoni taghhom meta kellhom ghoxrin u tmintax-il sena rispettivament. Il-konvenuta kellha tifel minn relazzjoni precedenti ghal dik ta' mal-attur. Wara sena u nofs infirdu, izda wara erba' snin komplew ir-relazzjoni taghhom u wara ftit izjed minn sena l-partijiet izzewwgu fl-1 ta' Settembru 1995. Fiz-zwieg l-attur adotta lill-iben il-konvenuta, u l-partijiet kellhom zewgt itfal ohra.

3. Fir-rikors tal-appell tieghu l-attur jitlob lil din il-Qorti thassar is-sentenza tal-ewwel Qorti, tilqa' t-talbiet tieghu u tiddikkjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet null u bla effett fil-Ligi, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuta.

4. Min-naha taghha, il-konvenuta tghid illi l-appellipprezentat mill-attur ghandu jigi michud, u s-sentenza appellata tigi ikkonfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-Gurisprudenza nostrana konstantement qieset l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku li jehtieg is-salvagwardji misthoqq. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma izzewgu xejn tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament  zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost bil-ligi. Kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "**Anna Tonna vs. Alexander Tonna"** deciza fis-6 ta' Novembru 1991:-

> *"F'materja ta' żwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kapriccożament wara xi żmien ta' żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerggħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero` dan ma għandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-ieħor.*
>
> *Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju."*

"F'sentenza ohra moghtija wkoll mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Joseph B vs Bernardette B"** (27 ta' Jannar, 2006) jinghad hekk:

> *"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili u cioe' li ż-żwieg bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cjoe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."*

"Fuq it-tema tal-validita' ta' kunsens moghti issir referenza wkoll ghal decizjoni moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "**Lawrence Attard vs George Attard"** deciza fit-30 ta' Gunju 2011 fejn gie dikjarat illi: *"Il-kapacita' hija r-regola; l-inkapacita' leccezzjoni……Biex persuna tkun kapaci ma hemmx bzonn li jkun pefettament u rigorozament san minn mohhu; bizzejjed l-uzu tar-raguni li tippermetti li jkun jaf x'inhu jaghmel".*

"Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia"** deciza fit-28 ta' Lulju 1987:-

> *"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett……….Ghall-Qorti nnullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament".*

"Ikkonsidrat.

"Ezami tal-premessi u kawzali imressqa mill-attur fir-rikors promotur juri illi huwa qed isejjes il-kawza minnu ntavolta fuq erba' 'caput nullitatis' minn hamesa li l-Artikolu 19 tal-Kap. 255 jipprovdi dwarhom. It-test tal-ligi rilevanti ghall-pretensjonijiet tal-attur huwa s-segwenti:-

"**Artikolu 19 (1) tal-Kap 255**:

"***B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoniji ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:***

"***a) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fiżika sew morali, jew biża;***

"***- omissis -***

"***(c) jekk il-kunsens inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixxklet serjament il-hajja mizzewwga;***

"***(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;***

"***- omissis -***

"***(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

"Ikkonsidrat.

"Il-Qorti ezaminat ir-rapport tal-abbli **Perit Legali Dott.sa Anna Mallia**. Il-konkluzzjoni peritali taghha hi fis-sens illi l-pretensjonijiet tal-attur imsejsa fuq is-subincizi (a), (c) u (f) ma gewx sodisfacentement ipprovati. Ikkonkludiet ukoll li fir-rigward is-subinciz (d) l-attur

irnexxielu jressaq provi sodisfacenti ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici msejsa fuq dan is-subinciz.

“Ikkonsidrat.

“***a) jekk il-kunsens ta’ xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fiżika sew morali, jew biża;***

“Kif sew issenjalat il-Perit Legali, mhux kull biza’ jwassal ghall-annullament taz-zwieg, u iccitat is-sentenza **Shirley Anne mart Abdul Fatah al Buesli xebba Perry vs Dottor Alfred Mifsud noe** (P.A. 22 ta’ Novembru 1982):

> “Apparti kollox, fil-fehma ta’ din il-Qorti, biex biza taqa taht l-artikolu in kwistjoni irid ikun cert, ta’ certa gravita’ serja u ghandha tigi distinta minn dak li hu misthija u frivolezza u kapricc ta’ min ser jaghti l-kunsens. Barra minn hekk irid ikun realistiku”

“Il-Qorti ticcita wkoll b’approvazzjoni s-sentenza **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph"** (P.A. 29 ta' Mejju 2003) fejn gie kkwotat **Trabucchi** li dwar il-liberta’ tal-kunsens spjega illi *“La liberta’ del consenso che viene tutelata dalla norma si riferisce sia alla liberta’ di contrarre matrimonio sia alla libera scelta del partner”.* Il-Qorti qalet illi ghalkemm il-kuncett ta’ v*jolenza”* u *“biza”* huma relatati, ghaliex effettivament il-*“biza”* hija l-effett tal-*“vjolenza”,* l-**artikolu 19 (1) (a)** jikkonsidrahom separatament. Saret ukoll referenza ghal ***G. Lesage*** fejn jghid illi *“physical or moral violence is pressure exerted by an outside agent on a future spouse, in order to influence his or her actions. Fear is the effect which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse.”* Sabiex il-vjolenza tinnewtralizza il-volonta ta’ min fl-apparenza jkun qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali jehtieg li tkun ta’ certa gravita’ (ara **“Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri”** (P.A. (VDG) 3 ta’ Ottubru 1995).

“Issir ukoll referenza ghas-sentenza **“Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba”** (P.A. (VDG) 15 ta’ Awissu 1995):-

> *“biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra ,tista’ tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza’ esterna ta’ natura irrezistibbli, cjoe’ trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta’ dak il-kunsens”.*

"Intqal ukoll illi sabiex il-biza kontemplata fis-subinciz in dizamina tikkwalifika bhala raguni ghall-annullament taz-zwieg jehtieg li tkun komposta minn tlett elementi:-

> *"fl-ewwel lok trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jezercitaha irid ikun kapaci, presumevolment li jezegwixxi dak li jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok il-biza trid tkun mottiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid."* (**"Joseph D'Ugo vs Rita D'Ugo"** (P.A. (FDP) 20 ta' Gunju 1994).

"Min ezami tal-atti il-Qorti, bhal Perit Legali, ma sabet l-ebda prova li b'xi mod tissostanzja din il-kawzali. Fix-xhieda tieghu l-attur jghid li l-konvenuta kienet dominata minn ommha. Pero` dan ma jammontax la ghal biza u wisq anqas ghal vjolenza. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-attur ma jaghti l-ebda spjegazzjoni kif mill-provi mressqa wiehed seta jiddeduci li l-kunsens tieghu jew tal-konvenuta kien inghata minhabba vjolenza jew biza' fit-termini tas-subinciz (1) (a).

"Il-kawzali referibbli ghall-Artikolu 19 (1) (a) ma gietx ipprovata u ghalhekk it-talba tal-attur imsejsa fuq din il-kawzali qed tigi respinta.

"***(c) jekk il-kunsens inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixxklet serjament il-hajja mizzewwga;***

"Bhal Perit Legali, l-Qorti ma sabet xejn fil-provi mressqa li b'xi mod jista' jikkwalifika bhala "qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra". Ghall-kuntrarju proprju fix-xhieda tieghu jeskludi li l-konvenuta riedet tqarraq bih. Jghid hekk: "Mhux ghax Romina kellha xi skop hazin mill-bidu imma aktar ma ghadda z-zmien, jiena rrejalizzajt li Romina giet lura ghandi biss wara li cediet ghall-pressjoni kbira ……"

"B'zieda mal-gurisprudenza ccitata mill-Perit Legali fir-rigward ta' din il-kawzali (**Micallef Pierina vs Bentanfous Amor** u **Sciberras Stephen vs Av. Francesco Depasquale et noe**) il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza "**Mary Farrugia vs Joseph Farrugia**" (P.A. deciza fit-13 ta' Marzu, 1995), fejn gie ritenut illi:

> "*Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvisata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba' affarijiet:*
>
> "*(1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;*
> "*(2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;*
> *"(3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u*

> "*(4) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta tgahha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.*"

"Fil-kaz in ezami, il-Qorti ma sabet xejn fil-provi li gew imressqa li jwassalha biex tislet xi hjiel ta' qerq da parti tal-konvenuta.

"Ghaldaqstant qed tiddikjara illi l-kawzali referibbli ghall-Artikolu 19 (1) (c) ma gietx ipprovata u ghalhekk it-talba tal-attur imsejsa fuq din il-kawzali qed tigi wkoll respinta.

"***(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

"Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, sabiex zwieg jigi kkonsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz jehtieg li jigi pprovat li xi hadd mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni fis-sens illi minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali mentri fil-fond tal-menti tieghu jew taghha iz-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga kien qed jigi eskluz a priori. Tezisti gurisprudenza nostrana kopjuza fir-rigward kif jirrizulta fir-rapport peritali fosthom "**Galea vs Walshi**" (P.A. – 30 ta' Marzu 1995; **Muscat vs Borg Grech** (P.A. – 14 ta' Awissu 1995); "**Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** (Appell – 27 ta' Jannar 2006).

"Issir ukoll referenza ghas-sentenza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine" (**P.A. - 28 ta' Mejju 2002) fejn jinghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg,…….hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*

"Fis-sentenza "**Magri vs Magri"** (P.A. 14 ta' Lulju 1994) gie dikjarat illi: "*Jekk din il 'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja."*

“Fis-sentenza "**Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. 5 ta' Gunju 2002) inghad li *"wiehed jinnota li taht l-artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaqghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estrmi tal-annullament taz-zwieg".*

“Dan is-sub inciz qed jirreferi ghal dawk is-sitwazzjonijiet fejn wiehed ma jkollux intenzjoni li jizzwewweg u jghix hajja konjugali izda jkun qed jersaq ghac-celebrazzjoniji taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri.

“Fl-ewwel lok ghandu jinghad illi kif diversi drabi dikjarat mill-Qrati taghna, kawza dwar annullament ta’ zwieg imsejsa sew fuq is-subinciz (1) (f) u fl-istess imsejsa fuq is-subinciz (1) (d), tikkontjeni talbiet kontradittorji. Ghalkemm ma jidhirx li tali kontradizzjoni twassal ghan-nullita’ tal-att, pero` min-natura taghhom dawn iz-zewg kawzali flimkien immankabilment idghajfu lil xulxin.

“Dwar l-inkompatibilita’ bejn dawn iz-zewg sub-incizi intqal hekk fis-sentenza “**Kenneth Cefai vs Louise Cefai**” (Appell – 11 ta’ Novembru 2011):-

> “Ghar-rigward tal-kompatibilita` tas-sub-artikoli (d) u (f) imsemmija, din il-Qorti, ghal ennesima darba, tirribadixxi li talba bazata fuq dawn iz-zewg kawzali ma tistax, teknikament, treggi. Fil-kawza **Baldacchino v. Duan**, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta’ Dicembru 2010, kien intqal hekk fir-rigward:
>
> > “It should be noted from the outset that, technically, this case should not have been discussed on its merits, as the two grounds put forward to support a claim for nullity cannot stand together and mutually exclude each other. While claiming that the spouses had sufficient discretion to exclude an intention to marry (simulation), plaintiff is automatically excluding the grounds of lack of discretion; similarly, while claiming a lack of discretion, he is automatically rebutting the ground under paragraph (f), as this implies a positive act of discretion to exclude marriage.”

“The First Hall of the Civil Court, in the case **Zammit v. Zammit**, decided on the 27th January 2006, said this on this issue,

> “Rigward id-dispozizzjoni kontenuta fis-subinciz (f) fuq imsemmi, biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi provat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens

matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzjoni tkun saret b'att pozittiv tal-volonta` ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispozizzjoni tirraviza sitwazzjoni ta' simulazzjoni u ghandu jigi enfasizzat li nullita` ta' zwieg bazata fuq il-kawzali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawzali bazata fuq nullita` ta' zwieg minhabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. L-inkomplattibbilita` bejndawn iz-zewg kawzali tohrog mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita` li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita` intellettwali, proprju l-att pozittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali."

"Furthermore, this Court, in the case **Arqueros v. Arqueros Moreno**, decided on the 30th July, 2010, pointed out that when these two grounds are raised simultaneously there is an inherent contradiction which nullifies plaintiff's request. This Court put the issue in these terms:

"L-attrici ma apprezzatx, pero`, li l-kawzali li resqet bhala bazi ghat-talba taghha huma kontradittorji. Jekk, kif qed tallega, il-partijiet ma kellhomx diskrezzjoni biex jgharfu x'inhuma l-elementi essenzjali taz-zwieg, ma jistax jinghad, fl-istess nifs, li huma kienu maturi bizzejjed tant li uzaw id-diskrezzjoni taghhom biex, b'att pozittiv, jeskludu z-zwieg innifsu jew xi elementi tieghu. Din il-kontradizzjoni apparenti fit-tezi tal-attrici ddghajjef mhux ftit it-tezi taghha, ghax bl-argumenti taghha favur dawn iz-zewg kawzali qed twaqqa l-argumenti kollha taghha stess."

"Hi, fil-fatt, tghid li hi u zewgha, b'att pozittiv u b'impenn tal-volonta`, eskludew z-zwieg u l-elementi tieghu, u dan ifisser, ovvjament li huma gharfu x'inhuma dawn l-elementi u riedu jwarbuhom. Fl-istess hin, tghid li fil-mument li fih huma kkuntrattaw iz-zwieg ma kellhomx apprezzament sufficjenti tal-portata tal-kuntratt ta' zwieg! Din il-Qorti tista' tieqaf hawn fit-trattazzjoni ta' dan il-kaz, ghax bl-argumenti taghha stess, l-attrici waqghet kull argument favur l-applikazzjoni ta' wahda jew l-ohra mill-kawzali."

"One can indeed say, even in this case, that appellant's arguments in favour of a declaration of nullity of his marriage in terms of paragraph (d), nullifies his own arguments in favour of a declaration of nullity based on paragraph (f), and his arguments on the basis of paragraph (f), nullify what is said under paragraph (d), leaving plaintiff with no valid argument in support of his request!"

“Cionostante l-Qorti ser titratta, kif qed taghmel, iz-zewg kawzali; naturalment fl-isfond tal-gurisprudenza nostrana fir-rigward ta’ kawzali kontradittorji bhal fil-kaz odjern.

“Il-Qorti ma rriskontra xejn li jipprova illi fil-mument tal-kunsens taz-zwieg il-konvenuta kienet qieghda teskludi iz-zwieg innifsu jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif qed jallega l-attur. Ghall-kuntrarju jirrizulta li l-konvenuta kienet hasbet sew dwar dak li riedet taghmel. Jirrizulta illi peress li l-konvenuta kellha tifel minn relazzjoni precedenti, il-genituri taghha, li maghhom kienet tirrisjedi bit-tifel meta kienet bdiet tohrog mal-attur, kienu jinsistu maghha li meta tohrog mal-attur ma ddumx sa tard bil-lejl sakemm tidhol lura d-dar anke minhabba li kien ghad ghandha tifel zghir. F’din is-sitwazzjoni l-attur kien iwassal lill-konvenut d-dar u jerga johrog billi jmur jiltaqa’ ma hbieb tieghu f’postijiet ta’ divertiment. L-attur ma kien jiddejjaq xejn illi anke jmur jisfen ma’ haddiehor. Meta l-konvenuta saret taf b’dan kienet waqfet ir-relazzjoni taghha mal-attur. Jirrizulta wkoll illi l-konvenuta damet erba’ snin shah tirrifjuta li terga tibda tohrog mal-attur, ghalkemm l-avvanzi u l-istedin tieghu ma waqfux tul dawk l-erba’ snin. Tghid li kienet damet dawk l-erba’ snin tirrifjuta it-talbiet tieghu biex jergghu jibdew johorgu peress li kienet tilfet il-fiducja fih, “…. Ghax kien jerga johrog wara li johodni d-dar u ma fdajtux”. Kien biss wara li kkonvinciet ruhha mis-sincerita’ tal-attur li kienet accettat li terga tibda tohrog mieghu fejn waslu li hadu l-engagement u eventwalment izzewgu.

“L-attur jghid li l-konvenuta mill-bidunett ma kenitx thobbu u li ghalhekk kienet eskludiet wiehed mill-elementi essenzjali ghaz-zwieg. Il-konvenuta tirribatti din l-allegazzjoni meta xhedet hekk: “Jien dejjem ghamilt id-dmirijiet tieghi bhala martu, zammejt id-dar nadifa, kelli l-ikel dejjem lest u hadt hsieb it-tfal filwaqt illi Simon dejjem kien okkupat jew bix-xoghool jew safar jew bil-hobbies tieghu. Jien dejjem akkomodajtu f’kollox kif ried hu izda kont ingorr ghax hu ghalkemm kien jivvinta dawn il-hobbies ecc., ma kienx jghinni fil-preparazzjonijiet”.

“Jirrizulta illi effettivament il-konflitti li kien ikollhom il-partijiet ma kienx minhabba li l-konvenuta kienet eskludiet iz-zwieg jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, izda minhabba nuqqas ta’ konsiderazzjoni serja da parti tal-attur fir-rigward tal-konvenuta fejn nonostante li issa kienu koppja mizzewga, dehrlu li seta jkompli bil-programm intensiv tal-hajja tieghu irrispettivament minn dak li kienet tahseb il-konvenuta.

"Ghaldaqstant fil-fehma tal-Qorti it-talba attrici msejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 ma tirrizultax ipprovata u ghalhekk qed tigi respinta.

"***(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;***

"Gie diversi drabi ritenut li d-decizjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta' xi tfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizzjoni timporta.
"Ghalhekk huwa imperativ li dwar x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta' koppja mizzewga wiehed ihares lejn il-ligi civili kif regolat permezz tal-Kodici Civili.

"**Fl-Ewwel ktieb tal-Kodici Civili, Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta insibu elenku tal-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg.

"Proprju fl-ewwel artikolu ta' dan il-Kodici, intitolat **."Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin"** jinghad hekk:

> "2. (1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.
>
> "(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.
>
> "3. Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiejiet tal-familja."

"Ikkonsidrat;

"Fis-sentenza "**Alessandra sive Sandra Mc Monagle gia' Mamo vs Mario Mao"** deciza mill-Prim' Awla fl-20 ta' Ottubru 2000 gie dikjarat illi:-

> "*fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritiko estimattiva jew kritko valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.*"

"Il-Gurisprudenza nostrana fir-rigward ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hi fis-sens illi mhux kwalunkwe stat ta' immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku jwassal ghall-annullament taz-zwieg. Ghalhekk wiehed irid jistaqsi: kien hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-kunsens ta' xi hadd mill-partijiet li jirrendi l-kunsens moghti invalidu ghall-finijiet tal-ligi?

"Fis-sentenza **"Mario Mizzi vs Maris Mizzi"** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 2005 jinghad li:-

> "*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.*"

"Imbaghad fis-sentenza "**Atkins Charles vs Atkins Matilde"** (P.A. 2ta' Ottubru 2003) inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan is-subinciz u xi jrid jigi provat sabiex talba imsejsa fuqu tigi akkolta.:

> "*Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi....Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonajali taghhom.*"

"Issir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **"Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph"** (P.A. 29 ta' Mejju 2003) *" B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser sempliciment kwalisiasi stat ta' immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk* ***id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li***

***jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga.”***(sottolinear ta’ din il-Qorti).

“Fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. 26 ta' Ottubru 2000) jinghad illi jkun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritikoestimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati - in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju. Anqas ma jfisser li ghax ikun hemm element ta' indecizjoni jew dubju dwar ghazla tal-istat ta' hajja, dana huwa necessarjament dovut ghal nuqqas (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju.* ***Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19 (1) (d) irid ikun hemm l-inkacapita’ psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali****."(sottolinear ta’ din il-Qorti). (*ara wkoll **Emmanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"** P.A., 10 ta' Novembru 1995)

“Kif gie wkoll ritenut fil-kawza **"Janet Portelli v. Victor Portelli"** (P.A. 14 ta' Awissu 1994) *"It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."*

“Inghad ukoll illi d-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju "…*irid jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. B'immaturita' affettiva wiehed , naturalment, ma jifhimx*

*sempliciment nuqqas ta' affett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' mhabba.'*

"L-istess sentenza tkompli tghid: *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju"*

"Ikkonsidrat;

"Li t-tezi tal-attur hija li il-kunsens huwa null peress li l-imhabba kienet kompletament nieqsa da parti tal-intimata u din izzewgitu biss ghaliex cediet ghall-insistenza u pressjoni kontinwa tieghu u tal-familja taghha (peress li kienet *single mother*) u mhux ghaliex kienet thobb lill-attur. B'dan l-attur irrid iffisser li n-nuqqas ta' maturita' affettiva u liberta fil-konvenuta fixkel il-fakulta' kritiko-estimattiva jew kritiko-valutativa taghha u irrenda il-kunsens invalidu. Jghid ukoll li dan il-kunsens ivvizzjat irrizulta f'ansjeta', depressjoni, aggressjoni fizika, vjolenza domestika u nuqqas ta' imhabba u komunikazzjoni.

"Apparti li tal-familja jichdu li ghamlu xi pressjoni fuq il-konvenuta sabiex tizzewweg ghaliex kienet *single mother* u l-konvenuta tichad li kienet taht xi pressjoni meta tat il-kunsens taz-zwieg, jinghad li ghalkemm kienet *single mother* xorta hassret ir-relazzjoni meta dehrilha li l-attur mhux ta minn jafda fih, peress li saret taf li kien ikun Paceville wara li jwassallha id-dar, u regghet bdiet tohrog mieghu. Hadet iz-zmien (erba' snin) taghha sabiex tiddeciedi li terga taghtih cans u accettat li terga tibda relazzjoni. Il-fatt li kien ihobb lit-tifel taghha ma effetwahiex. Accettatu lura u taghtu cans iehor. Wara sena talabha sabiex jizzewwgu. Kien hemm il-volonta' ghaz-zwieg tat-tnejn kemm huma, fil-fatt tlett xhur wara izzewgu. Ghalkemm l-attur isostni li l-konvenuta cediet ghall-pressjoni da parti tieghu, il-fatti juru mod iehor. Il-fatt li damet erba' snin tirrezisti l-avvanzi tieghu juru kemm il-konvenuta kienet konvinta minn dak li kienet qeghda taghmel. Kienet kun storja differenti kieku irrizulta li mal-ewwel avvanzi tieghu hija skartat l-oggezzjonijiet li kellha dak iz-zmien.

"L-abbli Perit Legali issottomettiet fir-rapport taghha illi "*s-sitwazzjoni li kienu fiha bl-opinjonijiet, hsibijiet u indhil m'ghamlitiex facli ghall-partijiet sabiex jifformaw dik il-hajja mizzewga jew li jidhlu ghal dan iz-zwieg b'mod matur u b'decizjoni taghom personali minghajr ma jkunu influwenzati bid-decizjonijiet u l-hsibijiet tal-genituri*' u ghaldaqstant l-partijiet izzewgu **minghajr ma verament hasbu** x'riedu mill-hajja mizzewga jew jekk verament ridux din il-hajja u ghalhekk t-talba tal-

atturi ghandha tintlaqa u jigi dikjarat zwieg null u bla effett fil-ligi ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta bi htija tat-tnejn.

"Pero kif gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna '*Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju,* ***ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb****, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati - in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju.'* Lanqas huwa sufficjenti ghall-annullament taz-zwieg, "…*li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. (***Stellina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt - P.A. 15/4/1996)**

"Ftit li xejn issemmew incidenti qabel iz-zwieg fejn seta johrog li d-diversi opinjonijiet, hsibijiet u indhil seta fixkel id-decizjoni tal-partijiet. Jissemma l-episodju fejn omm l-attur tant kienet determinata li iben il-konvenuta ma jkunx *ring bearer* fejn intqal li l-konvenuta kienet instemghat tghid li ma tmurx ghat-tieg; l-incidenti l-ohra li issemmew kienu kollha wara certu snin mid-data taz-zwieg tal-partijiet.
Ma jistax ikun hemm qbil ma' dak li qal l-attur fin-nota ta' kritika tieghu li *'dan l-incident iservi biex jitfa' dawl car fuq u jissostanzja l-konkluzjonijiet tal-Perit Legali illi z-zwieg bejn il-partijiet ma kienx dak li verament riedu l-partijiet u li kien il-frott ta' hafna indhil zejjed, u pressjoni naxxenti mic-cirkostanzi u s-sens ta' inferjorita' da parti ta' l-intimata u l-familja taghha.'* In-nuqqas ta' diskrezzjoni trid tkun serja u gravi u mhux ibbazata fuq incident uniku.

"Dwar in-nuqqas ta' imhabba, gie provat li meta kienu gharajjes kienu jmorru jinnamraw fil-privat gol-flat tal-genituri tal-attur u ghaldaqstant ma jistax jinghad li ma kienx hemm affezzjoni. Mhux minnu li ma kienx hemm affezzjoni bejn il-partijiet meta kienu gharajjes. L-attur jilmenta li l-konvenuta ma kenitx thobbu ghaliex kienet tirrejagixxi b'mod aggressiv fil-konfront tieghu. Il-konvenuta mill-banda l-ohra takkuza lill-attur li filwaqt li hija kienet taghmel l-ghalmu taghha sabiex tkun mara tad-dar tajba, l-attur kien mohhu fil-gala dinners u safar u lilha kien jitraskuraha. Din l-attitudni tal-attur wara z-zwieg kien halla effett negattiv fuqha tant li kienet waqghet f'depression. Dan pero` kien zmien wara li l-partijiet izzewgu u mhux qabel. Mill-ispjegazzjoni li ta l-Psikjatra Dr Peter Muscat matul it-testimonjanza tieghu jirrizulta illi d-depression li kellha l-konvenuta ma kenitx kondizzjoni kronika u li minnha setghat tfieq tant li wara ftit taz-zmien kien naqsilha d-doza

tal-medicina li kien ippreskrivilha. Jikkonferma d-depression li zviluppat fil-konvenuta kienet rizultat tad-diffikultajiet li zvilupaw fil-hajja mizzewga bejn il-partijiet.

“Hija l-fehma ta’ din il-Qorti illi z-zewg partijiet kienu jafu x’inhuma qed jaghmlu meta dahlu ghaz-zwieg. It-tnejn kienu konxji tal-obbligi li z-zwieg jimporta u hadd minnhom ma kien qed ibati minn xi inkapacita’ li jaghraf u jirrifletti dwar l-obbligi li zwieg igib mieghu. Sew l-attur kif ukoll il-konvenuta kellhom il-kapacita’ mentali li jaghmlu dak id-dixxerniment necessarju dwar il-hajja konjugali li kienu dehlin ghaliha.

“Ghalkemm irrizulta li zmien wara z-zwieg il-konvenuta waqghet f’depression, ma ngabu l-ebda provi li juru li l-fakolta’ mentali tal-konvenuta fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg kienet menomata. Ghall-kuntrarju jirrizulta li l-kundizzjoni li zviluppat fil-konvenuta kienet rizultat tal-komportament tal-attur fil-konfront taghha. L-agir kultant aggressiv tal-konvenuta fil-konfront tal-attur li f’okkazzjonijiet kien anke vjolenti fizikament jidher li kien rizultat tal-frustrazzjoni li kienet ghaddejja l-konvenuta matul il-hajja mizzewga taghha mal-attur fejn bdiet thossha li tilfet ir-rigni kollu f’hajjitha peress li l-attur kien jaghmel dak kollu li jixtieq minghajr l-ebda konsiderazzjoni ghall-fehmiet taghha. Ma jirrizultax li l-konvenuta kienet qed tbati minn xi kundizzjoni li impeduwha milli taghraf fil-mument tat-tieg l-impenji matrimonjali li ghalihom kienet diehla.

“Il-partijiet hadu decizjoni li jizzewgu u din id-decizjoni it-tnejn haduwha in piena konsapevolezza ta’ dak li kienu qed jaghmlu. Il-lanjanzi tal-attur jinkwadraw ruhhom bhala rilevanti f'kawza ta' tkissir taz-zwieg izda mhux ghal dikjarazzjoni ta' nullita' ta' zwieg.

“Fil-fehma tal-Qorti it-talbiet tal-attur imsejsa fuq is-sub inciz (1) (d) tal-artikolu 19 tal Kap 255 ma gewx sodisfacentement sostanzjati.”

## L-Appell

6. L-attur jibbaza r-rikors tal-appell tieghu, ipprezentat fit-23 ta’ Dicembru 2014, fuq dak deciz mill-ewwel Qorti fil-kuntest tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att dwar iz-Zwieg, jigifieri li

minkejja li l-perit legali ikkonkludiet illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien ivvizzjat fis-sens kontemplat mis-subinciz (d) tal-Artikolu 19(1), l-ewwel Qorti dehrilha li kellha twarrab tali konkluzjoni u tiddeciedi li l-kunsens tal-partijiet ma kienx vizzjat u li z-zwieg taghhom huwa validu.

7. Fir-risposta tal-appell taghha ipprezentata fit-13 ta' Marzu 2015, il-konvenuta tissottometti illi ma hemmx fatturi determinanti li jaghtu lok ghal annullament kif qed jitlob l-appellant, u ghalhekk l-appell ipprezentat mill-attur ghandu jigi michud u s-sentenza tal-ewwel Qorti ghandha tigi ikkonfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

<u>L-Aggravju</u>

*Kunsens tal-Attur*

8. Illi l-aggravju tal-attur jiccentra fuq id-decizjoni tal-ewwel Qorti illi tichad it-talbiet tal-attur stante illi abbazi tal-provi prodotti, kif ukoll abbazi tal-konkluzjonijiet tal-Perit legali mqabbad mill-ewwel Qorti, kellu jirrizulta illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet kien vizzjat ai termini ta' dak kontemplat fis-subinciz (d) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tali zwieg kellu jigi dikjarat null.

9. L-attur jilmenta illi minkejja l-konkluzjoni tal-Perit legali, l-ewwel Qorti iddecidiet li l-kunsens tal-partijiet ma kienx vizzjat u li allura z-zwieg huwa validu. Jghid li l-Qorti immotivat id-decizjoni taghha fuq il-fatturi segwenti:

- illi jekk jirrizulta li kien hemm nuqqas ta' hsieb da parti tal-konvenuta, dan ma jammontax ghal nuqqas ta' diskrezzjoni tal-gudizzju kif trid il-Ligi ghal annullament;
- illi n-nuqqas ta' diskrezzjoni tal-gudizzju trid tkun serja u mhux ibbazata fuq incident uniku; illi mhux minnu illi ma kienx hemm imhabba u affezzjoni da parti tal-konvenut ghaliex il-partijiet kienu jmorru jinnamraw fil-privat meta kienu ghadhom gharajjes;
- illi l-problemi ta' depression tal-konvenuta zviluppaw zmien wara li l-partijiet izzewwgu minhabba d-diffikultajiet fil-hajja mizzewwga partikolarment bhala rizultat tal-komportament tal-attur fil-konfront taghha, u kienet ghalhekk thossha frustrata u kienet tagixxi b'mod aggressiv u vjolenti lejn zewgha;
- illi z-zewg partjiet kienu jafu x'qeghdin jaghmlu u t-tnejn kienu konxji tal-obbligi li z-zwieg jimporta,
- illi hadd minnhom ma kien qed ibati minn xi inkapacita` li jaghraf u jirrifletti dwar l-obbligi li z-zwieg igib mieghu, u
- illi l-partijiet hadu d-decizjoni li jizzewwgu in piena konsapevolezza ta' dak li kienu qed jaghmlu.

10. Ikompli jghid illi f'dan il-kuntest tassumi rilevanza sostanzjali l-konsiderazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti f'pagna 27 tas-sentenza taghha, b'referenza ghas-subinciz (f) tal-Artikolu 19(1), illi ma jirrizultax illi l-konvenuta kienet eskludiet iz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, u l-konflitti li kien ikollhom il-partijiet ma kinux gejjin minn din l-eskluzjoni da parti tal-konvenuta, izda *"minhabba nuqqas ta' konsiderazzjoni serja da parti tal-attur fir-rigward tal-konvenuta fejn nonostante illi issa kienu koppja mizzewwga, dehrlu li seta' jkompli bil-programm intensiv tal-hajja tieghu irrispettivament minn dak li kienet tahseb il-konvenuta".*

11. Jghid illi meta l-ewwel Qorti ikkonstatat li l-konflitti li kellhom il-partijiet ma kinux minhabba li l-konvenuta kienet eskludiet iz-zwieg, izda minhabba nuqqas ta' konsiderazzjoni serja da parti tal-attur fir-rigward ta' martu, qajmet il-htiega li jsir ezami approfondit ta' jekk l-attur f'dan il-komportament tieghu kienx qieghed jonqos ukoll milli jwettaq l-obbligi u drittijiet tal-hajja mizzewwga u jekk dan in-nuqqas setax kien dovut ghall-vizzju tal-kunsens ai termini tal-Artikolu 9(1) subinciz (d). Jghid pero` li din l-analizi dwar il-kunsens tal-attur f'din il-perspettiva u taht il-kappa tas-subinciz (d) qatt ma saret.

12. L-attur jissottometti wkoll illi l-konstatazzjonijiet tal-Qorti stess relattivament ghall-agir tieghu versu martu jxejjen il-konkluzjoni taghha

illi l-partijiet, jew ahjar l-attur f'dan il-kaz, kien konxju tal-obbligi taz-zwieg, u jkompli biex jikkwota testimonjanza tal-konvenuta stess quddiem l-ewwel Qorti fejn tixhed, fost affarijiet ohra, illi l-attur kien ittraskuraha u li l-atitudni tieghu wara z-zwieg kien halla effett negattiv fuqha tant li kienet waqghet f'depression.

13. Ikompli jghid li wiehed ma jistax jiskarta l-fatt illi skont il-konvenuta l-attur ma kienx dahal ghaz-zwieg b'idejat cari dwar il-jeddijiet u d-dmirijiet taz-zwieg. Jghid li ghalkemm l-ewwel Qorti accettat it-tezi tal-konvenuta dwar dan, pero` ma ghamlet ebda evalwazzjoni dwar in-natura tal-kunsens moghti mill-attur taht l-Artikolu 19(1) subinciz (d). Skont l-attur il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi l-attur kien konxju tal-obbligi taz-zwieg, hija minghajr ebda motivazzjoni serja. Jghid li din il-konkluzjoni fid-dawl ta' dak li ikkonstatat iktar qabel, jew ahjar, illi huwa kien jaghmel dak kollu li jixtieq minghajr l-ebda konsiderazzjoni ghall-fehmiet taghha, hija kontradittorja u dijametrikament opposta, b'dan illi ma jistghux jigu rikonciljati.

14. L-attur appellant ikompli billi jaghmel referenza ghall-obbligi taz-zwieg naxxenti mill-Kap. 16 u jelenka mbaghad serje ta' nuqqasijiet tieghu stess illi irrizultaw mit-testimonjanzi tal-intimati u tax-xhieda prodotti minnha, li skont hu, ma jistghu bl-ebda mod jigu rikonciljati mal-gharfien u twettiq tal-obbligi u dmirijiet taz-zwieg kif kontemplati mil-Ligi.

15. Ikompli jikkwota siltiet mix-xhieda ta' martu li tghid, fost affarijiet ohra, illi minn meta zzewwgu thoss li baqa' jghix qisu bachelor u li kien ikollhom hafna argumenti. Tghid ukoll li ma kinux jikkomunikaw bizzejjed u li minhabba li hu kien iqatta' hafna hin barra mid-dar kienet thossha wahedha. Jghid li dan l-agir, fil-kuntest tal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti, ma huwiex kompatibbli mal-agir ta' min fil-mument taz-zwieg ikollu l-maturita` necessarja li twassal ghal gharfien u apprezzament ta' dak kollu li trid il-hajja konjugali, u jirrizulta li qatt ma kien kapaci jwettaq tali obbligi u dmirijiet fl-konfront ta' martu.

16. Ikompli jissottometti illi l-Qorti ghamlet analizi tal-kunsens tal-konvenuta biss u ikkonkludiet illi z-zewg partijiet hadu d-decizjoni in piena konsapevolezza ta' dak li kienu qed jaghmlu, u li hadd minnhom ma kien qed ibati minn xi inkapacita` li jaghraf u jirrifletti dwar l-obbligi li z-zwieg igib mieghu. Jghid li din il-konkluzjoni kienet erroneja almenu sa fejn jirrigwarda l-kunsens tal-attur. Jikkwota wkoll sentenza tal-Qorti tal-Familja 255/2011, fejn jinghad illi l-agir tal-parti kemm qabel iz-zwieg u kif ukoll wara z-zwieg jista' jaghti hjiel tal-livell ta' maturita` jew immaturita` tal-parti. Jghid illi ghalhekk il-livell ta' maturita` tieghu stess mill-mument taz-zwieg 'l hemm huwa dejjem rilevanti biex wiehed jasal ghall-konkluzjoni dwar il-livell tal-maturita` tal-attur fil-mument tal-

kunsens, u dwar jekk kellux il-konsapevolezza li l-ghazla tieghu kellha konsegwenzi li ried jaccetta.

17. Jissottometti wkoll illi l-fatt li l-attur kien verament insista mal-konvenuta u ghamel erba' snin jipprova jipperswadiha tmur lura mieghu ma jfissirx li kellu konoxxenza shiha ta' dak kollu li kien diehel ghalih fiz-zwieg. Anzi jghid li din l-ghaggla oskurat il-kapacita` tieghu li jirrifletti b'maturita` u japprezza dak kollu li tfisser il-hajja konjugali.

18. Jghid li inoltre wiehed irid iqis ukoll il-presenza dominanti li kellha ommu f'hajtu kif ukoll fil-hajja mizzewwga tieghu, li ikkontribwiet ghan-nuqqas ta' maturita` da parti tieghu biex jaghraf u japprezza l-obbligi tal-hajja mizzewwga. Jghid li b'mod partikolari abbazi tax-xhieda tal-konvenuta u ta' ohtha Suzanne Alimi, huwa difficilment spjegabbli kif l-ewwel Qorti iddecidiet li l-attur kien kapaci jevalwa xi jfisser zwieg u l-implikazzjonijiet tieghu.

*Il-kunsens tal-Konvenuta*

19. L-attur, minghajr pregudizzju ghal dak li issottometta fir-rigward tal-kunsens tieghu stess, jissottometti illi l-konkluzjoni illi l-kunsens tal-konvenuta wkoll ma kienx vizzjat abbazi tal-Artikolu 19(1)(d) u li ma

ngabux provi illi l-fakolta` mentali taghha fil-mument taz-zwieg kienet menomata, hija wkoll erroneja.

20. Jghid li sabiex il-kunsens ikun vizzjat abbazi tal-Artikolu 19(1)(d), ma huwiex necessarju illi l-kapacita` mentali tal-konjugi jew min minnhom tkun menomata fil-mument taz-zwieg. Jghid li l-provi juru li l-konvenuta ma kellhiex konoxxenza shiha ta' dak li kienet diehla ghalih, fost ohrajn, minhabba l-fatt li wara erba' snin tichad l-avvanzi tal-attur, mil-lum ghal ghada biddlet fehmtha, kif ukoll minhabba l-ghagla tal-attur sabiex jizzewweg, konfermata minn omm il-konvenuta – cirkostanzi li setghu effettwaw il-maturita` tal-kunsens tal-konvenuta.

21. Jghid li d-decizjoni tal-ewwel Qorti li twarrab il-konkluzjoni tal-Perit legali li l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat skont l-Artikolu 19(1)(d) hija zbaljata u nieqsa minn konsiderazzjoni serja tal-provi migjuba quddiemha.

22. Jghid li l-Perit legali waslet ghall-konkluzjoni taghha ghal diversi cirkonstanzi, fosthom – is-sikkatura fid-dar tal-konvenuta stess peress li kienet single mother, indhil da parti taz-zewg familji, sens ta' inferjorita` da parti tal-konvenuta, kif ukoll ir-rabta li l-attur kellu ma' iben il-konvenuta. Jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' Ottubru 2010 fir-Rikors Nru: 43/2008, fejn

il-Qorti irriteniet li d-differenza fis-*social standing* u l-elitizmu ingustifikat ta' wiehed mill-konjugi jistghu jkunu ragunijiet ghan-nullita` tal-kunsens abbazi tal-Artikolu 19(1)(d).

23. Ikompli billi jerga' jelenka l-fatti u cirkonstanzi li skont il-Perit legali gew ipprovati ampjament, u li wassluha ghall-konkluzjoni taghha li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat, fosthom il-kuncett zbaljat tal-partijiet ta' dawk li huma d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg u l-fatt li l-emozzjonijiet u sentimenti reciproci tal-partijiet ma kinux dawk li fuqhom jista' jinghata kunsens validu. Jghid li dan jigi kkonfermat mix-xhieda tal-konvenuta stess.

24. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-attur jghid li ghandu jirrizulta li d-decizjoni tal-ewwel Qorti hija zbaljata u li l-provi jikkonfortaw pjenament it-tezi tieghu li l-kunsens kemm tieghu, kif ukoll ta' martu, kien ivvizjat abbazi tal-Artikolu 19(1)(d).

*Ir-Risposta tal-Appell*

25. Fir-risposta tal-appell taghha l-konvenuta tippremetti illi in kwantu l-aggravju tal-appellant jittratta biss l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255, hija ser tillimita ruhha ghall-kuntest tal-istess artikolu.

26. Tghid illi fl-appell l-attur qed jittanta jdawwar dak kollu minnu pprezentat fl-Ewwel Istanza dwar il-konvenuta ghal fuqu, f'tentattiv illi jikseb l-annullament taz-zwieg minn mal-appellata akkost ta' kollox.

27. Tghid li l-attur jenfasizza li hi zzewwgitu ghaliex kienet single mother, kellha pressjoni mill-familja taghha, u kellha kilba ghall-flus. Izda li kieku dan kien minnu, ma kinitx ittemm ir-relazzjoni ta' bejniethom u kienet tahtaf l-ewwel ragel li wera interess fiha. Tghid li kien l-appellant li baqa' jigri warajha, sakemm wara erba' snin, b'responsabbilta` u maturita` akbar taz-zewg partijiet, komplew ir-relazzjoni taghhom.

28. Ghalhekk il-partijiet kienu jafu x'qed jaghmlu u ma jirrizultax li l-livell ta' maturita` rikjest mil-ligi sabiex parti tidhol ghaz-zwieg, kien nieqes f'xi wiehed minnhom.

29. Tghid li l-appellant kien beda jimmissja lilha u lit-tifel minn sitt xhur wara li nfirdu, tant li beda jaghmel minn kollox biex terga' lura mieghu. Tant kien konxju minn dak li qed jaghmel li baqa' jiltaqa' ma' binha anke waqt li kienu mifrudin, sar ihobbu daqs ibnu, tant li adottah, u ried jibni familja maghha – certament kien konsapevoli ta' dak li jimporta u jfisser zwieg.

30. Tghid li b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser kwalsiasi stat ta' immaturita`, izda tikkwota s-sentenza **Angela Spiteri xebba Selvaggi v. Joseph Spiteri** u tissottometti illi n-nuqqas ta' discretio judicii hu intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

31. Tkompli tghid li jrid ikun hemm inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) jew konstituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Ma hijiex kwistjoni ta' inkompatibbilita` ta' karattru jew ta' decizjonijiet zbaljati.

32. Tghid li jrid jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva, b'mod sostanzjali, minn dik il-fakolta` kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens. Tikkwota lill-Professur Diego de Caro tal-Universita` ta' Ruma, kif ukoll gurisprudenza nostrana fejn jigi spjegat li ma huwiex bizzejjed semplicement nuqqas ta' hsieb jew riflessjoni.

33. Dwar anomalija psikologika serja tghid li l-Qorti taghna tosserva li l-ligi tirrikjedi mhux biss li l-anomalija tkun wahda serja, izda li taghmilha impossibbli, mhux semplicement difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet

essenzjali taz-zwieg (**Sandra Farrugia v. Raymond Farrugia** deciza fl-10 ta' Settembru 1997).

34. Tghid li z-zwieg bejn il-partijiet ghandu jigi prezunt li hu wiehed validu, u ghalkemm huwa minnu li gew prodotti diversi xhieda quddiem l-ewwel Qorti, ghandu jirrizulta lil din il-Qorti li dak tal-appellant ma hux hlief tentattiv skars sabiex jaddossa fuq l-appellata htija u finalment element biex jaghti lok ghal pronunzjament tal-annullament taz-zwieg. Izda l-attur stess ikkontradixxa ruhu u quddiem l-ewwel Qorti qal: *"...li ghalkemm il-mara kienet matura, mara sew, mara tajba, kellha tifel, kellha responsabbiltajiet..."*

35. Tghid li mill-provi kollha jidher car li meta l-appellant izzewweg kien jaf x'inhuma l-elementi, obbligi u rekwiziti essenjali taz-zwieg – kien jaf ghal xiex diehel. Seta' ma kienx hemm imhabba jew passjoni travolgenti, izda dan ma jfissirx li kien hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju li trid il-ligi. Lanqas ma jista' jintqal li ma kienx hemm ghazla libera u xjenti da parti tieghu jew li ma gharafx x'kienu l-elementi essenzjali taz-zwieg.

36. Il-problemi u diffikultajiet li ssemmew tul il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti nqalghu wara z-zwieg u zgur ma humiex fatturi determinanti li jaghtu lok ghal annullament. Dan iz-zwieg kellu hajja twila ta' hdax-il

sena li fihom l-attur adotta iben il-konvenuta u li matulu twieldu zewgt itfal ohra u l-verita` hi li l-appellant irid jittanta johrog minn dan iz-zwieg ghal ragunijiet oltre dawk li johorgu mill-Ligi. Il-litigi bejniethom u kull incident iehor li ssemma', nqala' wara z-zwieg, u ghalkemm wasslu ghat-tifrik taz-zwieg taghhom, ma jammontawx ghal difett serju ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255.

Konsiderazzjonijiet

37. Fl-ewwel lok jigi ribadit illi *"l-Qorti tal-Appell bhala Qorti ta' rivizjoni ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim istanza, hlief meta tkun manifestament zbaljata jew ghax ikun hemm ragunijiet serji, jew li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha [*Appell Civili **Emanuel Cardona et v. Dr. Graham Busuttil**, deciz 10 Jannar 1995*]. Dan ma jsirx "sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex li kien hemm ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubju ragjonevoli fuq il-gustizzja tal-apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel Qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ngustizzja manifesta". [*Appell Superjuri **Paul Formosa v. Salvu Debono**, deciz 5 Ottubru 2001]"[1].

[1]App. **Moviment Azzjoni Socjali v. Noel Borg**, 18/7/2014

38. Dwar il-mertu tal-aggravju, jew ahjar il-kontestazzjoni illi jezistu l-elementi sabiex iz-zwieg tal-partijiet jigi annullat a bazi tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255, din il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet preliminari.

39. L-attur isostni li l-kunsens matrimonjali, kemm tieghu kif ukoll ta' martu, kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg; jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli illi l-partijiet jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

40. In propozitu jinsab ritenut fil-kawza Appell Civili **Josette Spiteri v. George Spiteri** [Vol.LXXXV.II.81] li fil-gurisprudenza patria jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b'mod sostanzjali, jew ahjar "gravi", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta' diskrezzjoni ta'

gudizzju [Prim'Awla **Selina Maria Vella Haber v. Joseph Gatt** – 15.4.1996].

41. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita` psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew konstituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali li tkun mahkuma minn impulsi nterni li "nehhewlha" l-liberta` tal-ghazla, li kienu determinanti ghal ghazla u mhux semplicement akkumpanjawha.

42. Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta.

43. *"In altri termini e' necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro."* [Bersini - citat fil-kawza Prim'Awla **Angela Spiteri Selvaggi v. Joseph Spiteri** deciza 4.11.1994]. L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett ta' unjoni permanenti, esklussiva u

irrevokabbli diretta ghall-komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied. Din il-kapacita` li jassumi dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. [Prim'Awla **Charles Atkins v. Matilde Atkins** deciza 2.10.2003].

44. Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita` ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-*caput nullitatis*. Ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta' maturita` jew edukazzjoni, izda tal-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg [Prim'Awla **Melanie Borg Cardona v. Joseph Borg** deciza 29.10.2003] [vide ukoll Appell Civili **Caroline Grech v. Ian Borg**, deciza fis-27 ta' Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati].

45. L-immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni *"non si referiscono ad una piena e terminali maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di cio che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo- affettivo, ne' infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l'uso del termine*

*discrezione di gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento[2], ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena"* [Pompedda – Il Consenso Matrimoniale, u awturi ohrajn citati fil-kawza Prim'Awla **Nicholas Agius v. Rita Agius** deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza Appell Civili **Caroline Grech v. Ian Borg** deciza fis-27 ta' Jannar 2006, [2006] supra].

46. Inoltre, jinsab ritenut fil-gurisprudenza li l-kuncett ta' maturita` affettiva li jimporta *"generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero [immaturita' affettiva] e ponderato [immaturita' di gudizio]"* [Il Diritto Canonico Matrimoniale – Bersini; citat fil-kawza Appell Civili **Raymond Theuma v. Carmen Theuma** deciza 27 ta' Jannar 2006].

47. Illi fil-kaz odjern ma rrizultax li l-partijiet, jew xi hadd minnhom, kellhom l-inkapacita` psikika li jifhmu l-obbligazzjonijiet matrimonjali, jew li kellhom grad tant baxx ta' maturita` li rrendithom inkapaci li jaghrfu dawn l-obbligi. Il-ligi tipprezumi li kull min ghalaq is-sittax-il sena huwa kapaci li jizzewweg, u l-prova kuntrarja tispetta lil min jallega l-kuntrarju. F'dan il-kaz ma irrizultax provat li l-attur jew il-konvenuta kienu immaturi b'mod li l-kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat. Huwa rilevanti l-

[2] Sottolinear ta' din il-Qorti

fatt li meta l-partijiet izzewwgu huma kellhom 27 sena u 25 sena rispettivament u kellhom relazzjonijiet precedenti qabel ma bdew ir-relazzjoni taghhom. Mhux hekk biss, talli snin qabel kienu diga` johorgu flimkien u ghalkemm imbaghad ghamlu erba' snin separati, wara dak il-perjodu huma regghu lura flimkien u sussegwentement f'temp ta' ftit iktar minn sena zzewgu.

*Il-kunsens tal-Attur*

48. Minn ezami tal-atti processwali, jirrizulta manifest illi l-provi mressqa mill-attur jiccentraw tista' tghid, fl-intier taghhom, fuq vizzju fil-kunsens da parti tal-konvenuta. Fir-rikors tal-appell izda, jidher li l-attur biddel il-linja tal-hsieb tieghu, b'dan illi ta izjed piz lill-allegat vizzju fil-kunsens tieghu. Din il-Qorti tinnota illi t-talba tieghu abbazi tal-Artikolu 19(1)(d) li dwaru jiccentra l-aggravju, tolqot il-kunsens tal-partijiet jew min minnhom, b'dan illi thalli lok ghal stharrig tal-kunsens tal-attur ukoll. Biss pero` l-Qorti tinnota li dan jaghti indikazzjoni ta' nuqqas ta' affidabbilita` da parti tal-attur, li donnu lest jagrappa ruhu ma' kwalsiasi fattur sabiex jittanta jottjeni l-annullament taz-zwieg tieghu.

49. L-attur jikkontesta d-decizjoni tal-ewwel Qorti rigward l-Artikolu 19(1) subinciz (d), senjatament f'dik il-parti tas-sentenza fejn dik il-Qorti osservat li *"… jirrizulta li l-kundizzjoni li zviluppat fil-konvenuta kienet*

*rizultat tal-komportament tal-attur fil-konfront taghha. L-agir kultant aggressiv tal-konvenuta fil-konfront tal-attur li f'okkazzjonijiet kien anke vjolenti fizikament jidher li kien rizultat tal-frustrazzjoni li kienet ghaddejja l-konvenuta matul il-hajja mizzewga taghha mal-attur fejn bdiet thossha li tilfet ir-ragni kollu f'hajjitha peress li l-attur kien jaghmel dak kollu li jixtieq minghajr l-ebda konsiderazzjoni ghall-fehmiet taghha".*

50. Fl-ewwel lok irid jinghad fir-rigward li din il-konstatazzjoni tal-ewwel Qorti saret fl-ezami tal-punt dwar jekk fil-mument tal-kunsens, il-konvenuta kellhiex il-fakolta` mentali sabiex taghti kunsens validu, tant li dik il-Qorti tibda billi tghid illi ghalkemm irrizulta li wara z-zwieg il-konvenuta waqghet f'depression, ma ngabu l-ebda provi li juru li l-fakolta` mentali taghha fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg kienet menomata, izda ghall-kuntrarju, tkompli billi tikkonkludi dak hawn fuq riportat.[3]

51. Irid jinghad ukoll illi l-ewwel Qorti ma waqfitx hemm, izda tkompli tispjega li: *"Il-partijiet hadu decizjoni li jizzewwgu u din id-decizjoni t-tnejn haduha in piena konsapevolezza ta' dak li kienu qed jaghmlu. Il-lanjanzi tal-attur jinkwadraw ruhhom bhala rilevanti f'kawza ta' tkissir taz-zwieg izda mhux ghal dikjarazzjoni ta' nullita` taz-zwieg".*[4]

[3]Pg 32 tas-sentenza.
[4]Ibid

52. Dan ifisser illi ghal kuntrarju ta' dak sottomess mill-attur fir-rikors tal-appell tieghu, mhux talli l-ewwel Qorti evalwat in-natura tal-kunsens taz-zewg partijiet, izda talli waslet ghall-konkluzjoni ragjonevoli, illi l-provi migjuba quddiemha, setghu jkunu ta' utilita` ghall-proceduri ta' separazzjoni, izda ma jissodisfawx l-estremi sabiex jigi annullat iz-zwieg.

53. L-ewwel Qorti kienet cara meta sahqet illi *'din id-decizjoni it-tnejn haduha in piena konsapevolezza ta' dak li kienu qed jaghmlu'* – konkluzjoni li din il-Qorti tikkondividi. Il-fatt li l-attur kien jaghmel certu affarijiet minghajr ma jaghti wisq konsiderazzjoni ta' dak li kienet thoss martu zgur li ma jistax, wahdu, iwassal ghall-konkluzjoni illi huwa dahal fiz-zwieg minghajr ma fehem l-obbligi u doveri tal-hajja mizzewwga. Din l-allegazzjoni u allegazzjonijiet ohra maghmula milll-attur fir-rikors tal-appell tieghu, fosthom illi ma kienx jghin lil martu fid-dar, kien iqatta' hafna hin ix-xoghol jew f'attivitajiet ohra, u l-fatt li kien hobza u sikkina ma' ommu, huma fatturi li ghandhom relevanza fi proceduri ta' separazzjoni personali imma mhux f'dawk ta' annullament taz-zwieg.

54. Fuq dan l-ahhar punt, l-attur jissottometti wkoll illi l-prezenza dominanti ta' ommu f'hajtu kompliet tikkontribwixxi ghan-nuqqas ta' maturita` tieghu biex jaghraf u japprezza l-hajja mizzewwga u xekklet l-

abilita` tieghu li jirrelata intimament ma' martu. Dan ma jirrizultax mill-atti. Dak li pero` jirrizulta huwa li l-attur tant kien ihobb lill-konvenuta u tant xtaq li din issir martu, li mar kontra dak li xtaqet ommu (li sahansitra jinghad li kienet marret ghand xi tip ta' sahhara sabiex tittanta thassar ir-relazzjoni ta' bejniethom) u baqa' jigri wara l-konvenuta ghal erba' snin shah sakemm regghu bdew johorgu flimkien. Dak li xekkel iz-zwieg taghhom, fost affarijiet ohra, kien in-nuqqas ta' attenzjoni illi hu kien jaghti lil martu tul iz-zwieg, meta kien iqatta' hafna zmien barra mid-dar fil-bosta attivitajiet li kien involut fihom, kif ukoll in-nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom, u mhux l-influwenza ta' ommu.

55. F'kull kaz, jirrizulta b'mod lampanti li dawn il-fatturi ma xekklux il-volonta` tal-attur li jaghti l-kunsens matrimonjali tieghu, jew juru nuqqas ta' dixxerniment da parti tieghu dwar l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

56. Rigward is-sentenza li jaghmel referenza ghaliha l-attur appellant bin-numru 255/11, din il-Qorti tikkondividi l-konstatazzjoni hemm maghmula minn dik il-Qorti li l-livell ta' maturita` jew immaturita` tal-parti jrid jigi ipprovat fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali. Izda dak li qisu jinjora l-attur huwa z-zmien ta' qabel iz-zwieg. L-atteggjament u l-komportament tieghu deskritti minnu jiccentraw fuq il-hajja taghhom <u>wara</u> z-zwieg u ma jirrilevaw xejn ta' portata dwar il-komportament tieghu qabel iz-zwieg li jista' jwassal ghall-konkluzjoni li hu ma kellux

dak il-grad ta' maturita` sufficjenti biex jaghti kunsens matrimonjali validu. Din il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li huwa stess falla mit-test illi jipprova li permezz tal-imgieba tieghu kemm qabel u kif ukoll wara z-zwieg, illi l-kunsens tieghu kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif trid il-Ligi.

57. Mhux hekk biss, imma talli kien huwa stess li tul il-kors tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, enfasizza l-fatt li hu kien lest biex jizzewweg u li ried lill-konvenuta bhala martu b'mod qawwi tant li dam erba' snin jipprova jikkonvinciha tmur lura mieghu sakemm fl-ahhar irnexxielu. Fix-xhieda tieghu jghid li kien ihobbha u ried iqatta' hajtu maghha,[5] jghid li ghamel sagrificcji.[6] Dwar il-hrug tieghu minghajrha, jghid li dan ma kienx minghajr il-kunsens taghha, anzi jghid li kienet taf ghax kien ikun mal-istess klikka[7] u jghid sahansitra li kien hu li ippropona li peress li r-relazzjoni taghhom kienet wahda serja, il-pass li kien jmiss kien iz-zwieg.[8] Mistoqsi dwar l-affidavit tieghu, filwaqt li huwa jghid li fl-affidavit tieghu irrefera ghall-fatti rilevanti ghall-kawza ta' annullament u li l-konvenuta kienet imgieghla tidhol fiz-zwieg[9], huwa ma jsemmi ebda nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju da parti tieghu, kif issa qieghed jissoleva fl-appell.

[5] Fol 246
[6] Fol 248
[7] Fol 249
[8] Fol 250
[9] Fol 254

58. L-attur sahansitra jinterpreta r-rabta li kellu ma' iben il-konvenuta bhala xi haga li naqqset il-fakolta` kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva taghhom. Din il-Qorti tosserva li l-fatt li l-attur kien ihobb hafna lil dan it-tifel imwieled minn relazzjoni precedenti tal-konvenuta, ma jistax hlief jikkonferma grad adegwat ta' maturita` affettiva tal-attur.

59. Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li dak li irrizulta mill-provi huwa l-fatt li l-attur kien ihobb lill-konvenuta, kien ihobb lil iben il-konvenuta mwieled minn relazzjoni ohra, ried iqatta' hajtu maghha u jkollu izjed tfal minnha, kien iqisha bhala mara tajba u serja, u mar sahansitra kontra dak li kienu jahsbu u xtaqu l-familjari tieghu sabiex jizzewwigha. Dan kollu juri grad gholi ta' maturita` affettiva, determinazzjoni u dixxerniment qawwi ta' dak li timporta hajja mizzewwga.

*Kunsens tal-Konvenuta*

60. L-attur ipingi s-sitwazzjoni tal-konvenuta bhala wahda ta' *single mother*, b'genituri severi u jghid li dawn il-fatturi, flimkien mal-pressjoni maghmula minnu stess fuq il-konvenuta, naqqsu l-kapacita` tal-konvenuta li tirrifletti u tiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens taghha. Mill-provi pero` jirrizulta mod iehor. Kemm mix-xhieda tal-konvenuta, kif ukoll mill-fatt assodat miz-zewg partijiet li l-konvenuta damet erba' snin sakemm iddecidiet li terga' tohrog mal-attur, jimminaw

din it-tezi tal-attur. Barra minn hekk lanqas ma jirrizulta mill-provi li kien hemm xi pressjoni da parti tal-genituri tal-konvenuta sabiex tizzewweg peress illi kienet *single mother*.

61. Inoltre, ir-rabta li kellu l-attur ma' bin il-konvenuta ma jidhirx li effettwat il-gudizzju taghha, stante li, kif fuq spjegat, din damet erba' snin qabel ma regghet accettat li tohrog mal-attur, u dan sakemm stabbiliet illi setghet terga' tibda tafdah. Li kieku dan il-fatt kien determinanti ghaliha, kien mistenni li tahtaf l-ewwel okkazjoni li terga' lura mieghu u mhux tirrifjutah ghal erba' snin.

62. Dwar dawn l-erba' snin, l-attur ghandu wkoll kontestazzjoni, ghaliex skont hu, il-fatt li l-konvenuta damet erba' snin tirrifjutah, imbaghad *"dlonk, mil-lum ghall-ghada, iddecidiet li tibdel fehmtha"*[10] juri illi ma kellhiex konoxxenza shiha ghal xiex kienet diehla. Mill-provi izda, dan ma jirrizultax. Ghall-kuntrarju, il-konvenuta tghid li wara erba' snin, hija iddecidiet li taghtih cans iehor *"ghax imbaghad konna ftit ikbar fl-eta` u mmaturajna ftit u immaginajt li forsi l-affarijiet kienu se jergghu jinbidlu allura ridt intih cans iehor".*[11] Fil-hsieb tal-ewwel Qorti l-fatt li l-konvenuta damet erba' snin juri li din hadet iz-zmien taghha sabiex tiddeciedi li terga' tibda. Dan ikompli jsahhah il-fehma li l-konvenuta

[10]Fol 487
[11]Fol 268

kienet hasbet sew fuq dak li qed taghmel. Din il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb.

63. Dwar l-allegazzjoni tal-indhil min-naha tal-familjari, b'mod partikolari da parti ta' omm l-attur, kif ukoll is-sens ta' inferjorita` li l-konvenuta setghet hasset fil-konfront tal-familja tieghu, dawn il-fatturi ma jirrizultawx provati qabel iz-zwieg u l-uniku incident li jissemma' li gara ftit qabel iz-zwieg kien rizultat tad-decizjoni apparentement imposta minn omm l-attur, li t-tifel tal-konvenuta ma jkunx *ring-bearer* fit-tieg tal-partijiet. Din il-Qorti lanqas ma ssib li l-estent ta' elitizmu ingustifikat da parti tal-attur u l-familjari tieghu li jsemmi l-attur, u s-sens ta' inferjorita` li setghet hasset il-konvenuta, huma tali li setghu b'xi mod jimpingu fuq il-validita` tal-kunsens matrimonjali moghti minnha. Kif tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti, incident uniku ma huwiex bizzejjed sabiex jimpingi fuq id-diskrezzjoni tal-partijiet. Il-bqija tal-incidenti rigwardanti s-sens ta' inferjorita` da parti tal-konvenuta, kif ukoll l-opinjonijiet esterni u indhil fid-decizjonijiet tal-partijiet, jirrigwardjaw il-hajja mizzewwga taghhom. Anke l-istat depressiv u l-*exhaustion* tal-konvenuta huma fatturi li zviluppaw fiz-zwieg u ma ngabet ebda prova li hi kienet tbati minn xi problema psikologika qabel iz-zwieg u senjatament fil-mument tal-ghoti tal-kunsens. Huwa minnu illi jidher li dawn il-problemi zviluppaw fil-konvenuta b'konsegwenza tal-problemi matrimonjali tal-partijiet, izda

zgur li ma setghux jimpingu fuq il-kunsens taghha ga la darba kienu inezistenti f'dak il-mument.

64. L-attur jghid li l-ewwel Qorti ma tispjegax kif il-konkluzjonijiet tal-perit legali kienu zbaljati, u jsemmi numru ta' cirkonstanzi li skont il-perit legali gew ipprovati ampjament. F'dan ir-rigward u b'mod preliminari jigi ribadit illi ebda Qorti ma hi tenuta illi tadotta l-konkluzjonijiet ta' perit imqabbad minnha, kontra l-konvinzjoni taghha stess. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha kull awtorita` li tiskarta l-konkluzjonijiet tal-istess Perit ga la darba dehrilha li dak minnha konkluz ma kienx gie provat waqt il-kors tal-kawza.

65. Fis-sustanza u a skans ta' ripetizzjoni, jinghad illi l-fatti u c-cirkonstanzi kollha elenkati fir-rikors tal-appell tal-attur[12] fejn dan isostni li dawn gew ipprovati ampjament quddiem il-perit legali, din il-Qorti tosserva li dawn il-provi gew ikkonsidrati mhux biss mill-ewwel Qorti, izda anke minn din il-Qorti iktar 'il fuq, u ma jbiddlu xejn mill-konkluzjoni li hadd mill-partijiet ma kien affett minn nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali.

66. Finalment, dwar il-konvinzjoni tal-attur illi l-konvenuta qatt ma habbitu, u li f'ebda testimonjanza quddiem l-ewwel Qorti martu ma tghid li zzewgitu ghaliex kienet thobbu, issir referenza ghax-xhieda tal-

[12] Fol 489

konvenuta waqt l-udjenza tat-22 ta' Mejju 2012[13] fejn fil-bidu nett tax-xhieda taghha tghid *"L-ewwel haga li ridt nghid li jiena zzewwigt lil Simon ghax habbejtu u ghax ridt jien, hadd ma gieghlni".* Dan ikompli jdghajjef serjament l-allegazzjoni tal-attur li martu qatt ma habbitu.

*Konsiderazzjonijiet Ulterjuri*

F'dan l-istadju huma ta' relevanza ghall-kaz odjern is-segwenti principji gurisprudenzjali.

67. Huwa ormai assodat fil-gurisprudenza nostrana illi difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju – **Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri** deciza 21 Novembru 1995.

68. Issir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet Prim'Awla **Christine Ellul v. Brian Ellul** deciza fil-21 Ottubru 2002, fejn il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjoni:

> "Naturalment wiehed jasal biex jissimpatizza mal-qaghda taghhom illi z-zwieg ma rnexxiex kif forsi xtaqu huma. Dan pero` ma jinducix ghar-rizultat illi gie provat konkluzivament u b'mod moralment konvincenti illi l-kontendenti ma ghamlux l-ghazliet taghhom volutament u b'mod

[13] Fol 295

> liberu ezenti minn pressjonijiet. Jekk l-ghazla singolari jew kongunta taghhom kienet zbaljata dan m'ghandux iwassal sal-punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt, hekk serju, ghax maghmul skont il-ligi u li jikkonstitwixxi l-ligi ta' bejniethom, kif hekk jesprimi l-Artikolu 992 Kodici Civili, jigi stultifikat u rez insinjifikanti. Kapaci wkoll jservi ta' pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa' fis-sehh."

69. Din il-Qorti hi tal-fehma li dawn il-konsiderazzjonijiet japplikaw ghall-kaz odjern. Il-fatt li z-zwieg ta' bejn il-partijiet ma rnexxiex ghal numru ta' ragunijiet, ma jwassalx awtomatikament ghall-konkluzjoni li kien hemm difett fil-kunsens matrimonjali taghhom. Bosta mill-provi rizultanti mill-atti processwali jistghu jkunu rilevanti u importanti f'kawza ta' separazzjoni, izda hekk kif irriteniet l-ewwel Qorti, ma jistghux jitqiesu bhala bazi ghal dikjarazzjoni ta' nullita` taz-zwieg ta' bejniethom.

<u>Decide</u>

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tichad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb